# KAPITOLU 478

## ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA

*Biex jipprovdi għall-promozzjoni, żvilupp u sostenn ta' l-industrija awdjovisiva, inkluża l-industrija tal-*film servicing*, f'Malta, u għat-twaqqif tal-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta u tal-Kummissarju Ċnematografiku, u biex jistabbilixxi l-funzjonijiet u setgħat rispettivi tagħhom u sabiex jipprovdi dwar affarijiet ančillari ma' dan jew li għandhom x'jaqsmu miegħu.*

15 ta' Lulju, 2005

*L-ATT VII ta' l-2005.*

TAQSIMA I

PRELIMINARI

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra - Tifsir.

"film" jinkludi film fotografiku jew *recording* fuq *tape* manjetiku jew fuq kull tip ta' materjal jew mezz ieħor, diġitali jew xort'oħra, minn fejn serje ta' immaġini, bil-ħoss jew mingħajru, jistgħu jkunu prodotti u li hu intiż għal distribuzzjoni u esibizzjoni internazzjonali;

"industrija awdjovisiva" tfisser persuni naturali u ġuridiċi li jwettqu attivitajiet relatati ma' l-iżvilupp, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħol awdjovisiv;

"industrija tal-*film servicing*" tfisser kull persuna naturali u ġuridika li għandha bħala għan prinċipali kummerċjali l-provvediment ta' faċilitajiet u, jew apparat lill-industrija awdjovisiva jew kull għan ieħor bħal dak skond ma' jista' jiġi stabbilit mill-Ministru;

"ko-produttur" tfisser kumpannija bl-għan ta' produzzjoni ċinematografika jew produttur marbut b'kuntratt ta' koproduzzjoni;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju Ċinematografiku maħtur taħt l-artikolu 5(1) u tinkludi kull uffiċjal jew impjegat tal-Kummissjoni awtorizzat minnu għal dak l-iskop;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3;

"kuntratt ta' ko-produzzjoni" tfisser ftehim ta' ko-produzzjoni bejn ko-produttur stabbilit f'Malta u wieħed jew iktar ko-produtturi stabbiliti barra minn Malta skond kull trattat bilaterali, multilaterali jew internazzjonali, konvenzjoni jew ftehim li Malta tkun parti fihom, imma ma jinkludix ftehim ta' ko-produzzjoni bejn żewġ ko-produtturi jew iktar stabbiliti f'Malta;

"Malta" għandha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artiklu

124 tal-Kostituzzjoni;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-films jew kull Ministru ieħor li jiġi msemmi mill-Prim Ministru b'avviż fil-Gazzetta;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"produzzjoni awdjovisiva" tfisser l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħol awdjovisiv;

"sena finanzjarja" tfisser kull perjodu ta' tnax-il xhar li jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena jew kull data oħra li tista' tiġi stabbilita mill-Ministru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Kummissjoni tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi minnufih wara;

"xogħol awdjovisiv" tfisser xogħol li jikkonsisti f'serje ta' immaġini relatati li jagħtu l-idea ta' moviment, li jkunu jew ma jkunux akkumpanjati bil-ħoss, li jistgħu jkunu murija u, meta jkunu akkumpanjati bil-ħoss, li jistgħu jkunu mismugħa;

"uffiċjal pubbliku", għar-rigward tat-Taqsima III ta' dan l-Att, għandha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

## TAQSIMA II

## TWAQQIF, FUNZJONIJIET U TMEXXIJA TAX-XOGĦOL TAL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA

Twaqqif u għamla tal-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta.

**3.** (1) Ikun hemm Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, maħtura mill-Ministru, biex isservi bħala korp li jagħti pariri lill-Ministru fuq politika awdjovisiva għal promozzjoni, żvilupp u sostenn ta' l-industrija awdjovisiva u ta' l-industrija tal-*film servicing*, biex tiddetermina l-livelli ta' benefiċċji fiskali u ta' kull tip ieħor skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att, u biex tassisti lill-Kummissarju fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

(2) Il-Kummissjoni tkun magħmula minn mhux iżjed minn ħames membri, maħtura mill-Ministru, u wieħed mill-membri jinħatar bħala President. Il-membri jiġu maħtura minn fost nies li għandhom konoxxenza f'oqsma relatati ma' produzzjonijiet awdjovisivi jew ċinematografiċi, servizzi, setturi ta' *marketing* jew finanzjament, proċeduri tas-servizz pubbliku jew oqsma oħra relatati ma' l-industrija awdjovisiva jew tal-*film servicing*. Wieħed mill-membri tal-Kummissjoni għandu jiġi maħtur wara li jkun ġie nominat mill-Ministru responsabli għall-kultura.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar il-Kummissarju Ċinematografiku bħala wieħed mill-membri tal-Kummissjoni, iżda l-Kummissarju ma jistax jinħatar bħala President tal-Kummissjoni.

(4) Il-membri tal-Kummissjoni jiġu maħtura għal żmien tliet snin, imma l-membri li jiġu hekk maħtura jkunu eliġibbli biex jinħatru mill-ġdid meta jiskadi ż-żmien tagħhom fil-kariga. Kull membru jista', qabel ma jiskadi ż-żmien tal-kariga, jirriżenja b'ittra indirizzata lill-Ministru.

(5) Persuna ma tkunx eliġibbli li tinħatar bħala membru tal-Kummissjoni jekk -

(*a*) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari jew Membru tal-Kamra tad-Deputati, jew

(*b*) tkun Imħallef jew Maġistrat, jew

(*ċ*) ikollha interess finanzjarju jew xi interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li x'aktarx tkun tolqot il-qadi ta' dmirijietha bħala membru tal-Kummissjoni:

Iżda l-Ministru jista' jwarrab l-iskwalifika ta' persuna taħt il-paragrafu (*ċ*) jekk dik il-persuna tiddikjara li jkollha dak l-interess u dik id-dikjarazzjoni u t-twarrib ta' l-iskwalifika jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni issir vakanti -

(*a*) meta jiskadi ż-żmien ta' kariga, jew

(*b*) jekk ikun hemm ċirkostanzi li, li kieku ma kienx membru tal-Kummissjoni, kienu jwasslu għall-iskwalifika tiegħu milli jiġi maħtur bħala tali.

(7) Membru tal-Kummissjoni jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, dak il-membru ma jkunx idoneu li jibqa' fil-kariga jew ma jkunx baqa' kapaċi li jaqdi dmirijietu kif imiss bħala membru.

(8) Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni tkun xort'oħra vakanti jew jekk membru ma jkunx jista' għal xi raġuni jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata li tiġi maħtura bħala membru temporanju tal-Kummissjoni. Persuna li tiġi hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7), ittemm milli tibqa' membru meta tiġi maħtura persuna biex timla l-vakanza jew, skond ma jista' jkun il-każ, meta l-membru li ma kienx kapaċi jaqdi lfunzjonijiet tal-kariga tiegħu jkompli jwettaq dawk id-dmirijiet.

(9) Membru tal-Kummissjoni li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew deċiżjoni magħmulin jew proposti li jiġu magħmulin mill-Kummissarju jew f'kull deċiżjoni tal-Kummissjoni skond l-artikolu 4(1)(*j*), li ma jkunx interess li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dak il-kxif għandu imbagħad ikun registrat fil-minuti tal-Kummissjoni, u l-membru li jkollu interess kif hawn qabel imsemmi għandu jirtira minn kull seduta li fiha jiġi diskuss dak il-kuntratt. Tali kxif għandu jitwassal lill-Ministru mingħajr dewmien. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifikah milli jibqa' membru, huwa għandu jirrapporta l-fatt minnufih lill-Ministru u jagħti r-riżenja tiegħu.

(10) Il-membri tal-Kummissjoni jirċievu tali rimunerazzjoni skond ma jiġi deċiż mill-Ministru.

**4.** (1) Il-Kummissjoni ma tkunx korp eżekuttiv u ma jkollhiex funzjonijiet eżekuttivi ħlief il-funzjoni prevista fil- Funzjonijiet tal-Kummissjoni.

paragrafu (*j*). Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni jkunu li:

(*a*) tagħti pariri lill-Ministru fuq politika relatata mal-promozzjoni, żvilupp u sostenn ta' l-industrija awdjovisiva u ta' l-industrija tal-*film servicing* u jinkludi, imma mhux limitat għal, l-introduzzjoni ta' inċentivi fiskali, tat-taxxa u oħrajn;

(*b*) tagħti pariri lill-Ministru fuq kif l-aħjar tistruttura u tintegra riżorsi lokali, kemm fuq livell tal-Gvern kemm fuq livell tal-Kunsilli Lokali, biex tiffaċilita l-promozzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni għal produzzjonijiet awdjovisivi filwaqt li tiżgura li l-kompetittività u l-burokrazija minima huma elementi essenzjali li jridu jiġu milħuqa;

(*ċ*) tagħti pariri lill-Ministru fuq l-iffirmar ta' trattati bilaterali, multilaterali jew internazzjonali, kull konvenzjoni jew ftehim li jistgħu jinkoraġġixxu parteċipazzjoni lokali fi produzzjonijiet awdjovisivi u jwasslu għal iktar kollaborazzjoni internazzjonali fl-industrija awdjovisiva;

(*d*) tagħti pariri lill-Ministru fl-iżviluppar ta' strateġija komprensiva f'taħriġ ta' snajja' li tkun flessibli u miftuħa għal bidliet industrijali u teknoloġiċi in kollaborazzjoni ma' l-industrija awdjovisiva u ma' partijijiet interessati oħra;

(*e*) tippromwovi l-importanza edukattiva tal-film u r-rwol tiegħu fit-tisħiħ taċ-ċittadinanza, kreatività u innovazzjoni, kif ukoll biex tinkoraġġixxi u tippromwovi, għall-benefiċċju ta' l-industrija awdjovisiva Maltija, l-istudju u l-apprezzament ta' films u tal-produzzjoni ta' films u tkun ta' sostenn għal inizjattivi li jippromwovu l-litteriżmu fil-media u tiżviluppa relazzjonijiet bejn litteriżmu u film;

(*f*) tkun ta' sostenn għall-iżvilupp ta' opportunitajiet għal aċċess għall-istorja taċ-ċinema u patrimonju kulturali u l-użu ta' l-istorja tal-film fil-ftehim ta' l-identità, ir-rappreżentazzjoni, il-kultura u l-kreattività;

(*g*) tinkoraġġixxi l-eċċellenza u l-innovazzjoni partikolarment permezz ta' l-użu ta' teknoloġiji diġitali ġodda;

(*h*) tippromwovi lil Malta bħala destinazzjoni għal ġbid ta' xogħol awdjovisiv u għat-twaqqif ta' intrapriżi awdjovizivi u ta' *film servicing*;

(*i*) tirrakkomanda lill-Kummissarju l-adozzjoni ta' miżuri bil-ħsieb li jiżguraw li politika u inizjattivi pruvati jiġu tradotti f'pjanijiet ta' azzjoni konkreti;

(*j*) tiddetermina l-livell ta' benefiċċji fiskali u ta' tip ieħor skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att;

(*k*) tassisti lill-Kummissarju fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu;

(*l*) twettaq kull funzjoni li minn żmien għal żmien tkun

assenjata lilha mill-Ministru.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien u kif jidhirlu xieraq jagħti bil-miktub u jippubblika direttivi dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern biex jiġu segwiti u adottati mill-Kummisjoni, u l-Kummisjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, tadotta u ssegwi dawk id-direttivi.

Kummissarju Ċinematografiku ta' Malta.

**5.** (1) Ikun hemm Kummissarju Ċinematografiku li jinħatar mill-Ministru.

(2) Il-Kummissarju għandu jibqa' fil-kariga għal perjodu ta' tliet snin, u għandu jkun eliġibbli biex jerga' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi dak iż-żmien tal-kariga.

(3) Persuna ma tkunx eliġibbli għall-kariga ta' Kummissarju jekk dik il-persuna:

(*a*) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari, jew Membru tal-Kamra tad-Deputati, jew

(*b*) tkun qed isservi bħala Mħallef jew Maġistrat; jew

(*ċ*) ikollha interess finanzjarju jew xi interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa l-qadi ta' dmirijietha bħala Kummissarju:

Iżda l-Ministru jista' jwarrab l-iskwalifika ta' persuna taħt il-paragrafu (*ċ*) jekk dik il-persuna tiddikjara li jkollha dak l-interess u dik id-dikjarazzjoni u t-twarrib ta' l-iskwalifika jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' Kummissarju issir vakanti -

(*a*) meta jiskadi ż-żmien tiegħu fil-kariga, jew

(*b*) jekk ikun hemm ċirkostanzi illi, li kieku huwa ma kienx Kummissarju, kienu jwasslu għall-iskwalifika tiegħu milli jiġi maħtur bħala tali.

(5) Jekk il-Kummissarju jirriżenja jew jekk il-kariga tiegħu tkun xort'oħra vakanti jew jekk ma jkunx jista' għal xi raguni jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata li tiġi maħtura bħala Kummissarju temporanju, jekk tali persuna tkun kwalifikata li tkun Kummissarju. Persuna li tiġi hekk maħtura għandha ttemm milli tibqa' Kummissarju meta tiġi maħtura persuna biex timla l-vakanza jew, skond ma jista' jkun il-każ, meta l-Kummissarju li ma kienx kapaċi jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jkompli jwettaq dawk id-dmirijiet jew, f'każ ta' xi għan temporanju, il-Kummissarju temporanju jkun wettaq il-funzjonijiet assenjati lilu.

(6) Il-Kummissarju jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, dik il-persuna ma tkunx idonea li tibqa' fil-kariga jew ma tkunx kapaċi li taqdi dmirijietha kif imiss bħala Kummissarju.

(7) Il-Kummissarju jirċievi tali rimunerazzjoni skond ma jiġi deċiż mill-Ministru.

Funzjonijiet tal-Kummissarju.

**6.** (1) Tkun il-funzjoni tal-Kummissarju li jadotta u

jimplimenta miżuri għall-iżvilupp, sostenn u promozzjoni ta' l-industrija awdjovisiva f'Malta, u b'mod ġenerali, biex jimplimenta l-politika awdjovisiva ta' Malta.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) u għal funzjonijiet oħra attribwibbli lill-Kummissarju b'dan l-Att, il-Kummissarju għandu partikolarment ikollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jassisti u jinkoraġġixxi b'kull mezz li jaħseb adatt, il-produzzjoni ta' films f'Malta u t-twaqqif ta' industriji għal produzzjoni ta' films f'Malta;

(*b*) li jippromwovi l-postijiet, il-faċilitajiet, is-snajja', it-talent u l-esperjenza disponibbli f'Malta bl-iskop li jħajjar investiment fil-forma ta' produzzjonijiet awdjovisivi internazzjonali li jinġibdu f'Malta;

(*ċ*) li janalizza, jiżen u jiċċertifika l-eliġibiltà ta' proġetti u, jew benefiċjarji għat-taxxa jew inċentivi oħra provduti mill-Gvern ta' Malta skond il-kriterji stabbiliti minn jew taħt dan l-Att jew kull Att ieħor u li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-livell ta' benefiċċji fiskali u ta' tip ieħor skond it-Taqsima V ta' dan l-Att;

(*d*) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal self, passiv jew għotjiet bil-quddiem ta' flus lil kull persuna naturali jew ġuridika in konnessjoni ma' xogħol awdjovisiv skond il-kriterji stabbiliti minn jew taħt dan l-Att jew kull Att ieħor;

(*e*) li jinkoraġġixxi u jippromwovi l-koeżjoni fl-industrija awdjovisiva lokali, partikolarment:

(i) li jinkoraġġixxi u jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni fost persuni involuti fl-industrija awdjovisiva;

(ii) li jinkoraġġixxi u jippromwovi l-użu effiċjenti ta' riżorsi ġewwa l-industrija tal-*film servicing* Maltija; u

(iii) li jikkoopera ma' entitajiet u organizzazzjonijiet oħra interessati jew milqutin biex jinkoraġġixxi u jippromwovi impjieg fl-industrija awdjovisiva Maltija u l-produttività ta' dik l-industrija;

(*f*) li japprova ko-produzzjonijiet bejn ko-produttur stabbilit f'Malta u xi wieħed jew iktar ko-produtturi stabbiliti barra minn Malta skond kull trattat bilaterali, multilaterali jew internazzjonali, konvenzjoni jew ftehim fejn Malta tkun parti, u biex joħrog kull ċertifikat rilevanti li jattribwixxi "nazzjonalità" lil produzzjonijiet bħal dawk;

(*g*) li jipparteċipa u jippromwovi parteċipazzjoni fi proġetti kollaborattivi internazzjonali u li jidħol fi ftehim ma' entitajiet barranin u internazzjonali simili;

(*h*) li jirrappreżenta lil Malta u lill-industrija awdjovisiva tagħha f'entitajiet u avvenimenti internazzjonali tal-

films;

(*i*) li jikkordina l-isforz għal ġlieda kontra l-abbuż tad-drittijiet ta' l-awtur fl-industrija tal-film, inkluż imma mhux limitat għal piraterija tal-films fuq l-Internet jew *networks* elettroniċi oħrajn jew b'mezzi fiżiċi;

(*j*) li jiddiskuti, jinnegozja u jidħol fi ftehim ta' natura permanenti jew temporanja jew jistabbilixxi kodiċi ta' kondotta ma' kull entità pubblika, awtorità pubblika, dipartiment tal-gvern, korporazzjoni pubblika, kunsill lokali, jew entità privata jew persuna fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-industrija awdjovisiva;

(*k*) li jagħti pariri lill-Ministru fuq kull kwistjoni konnessa mal-funzjonijiet tal-Kummissjoni taħt u għal finijiet ta' dan l-Att;

(*l*) li jeżerċita kull funzjoni oħra li minn żmien għal żmien tiġi lilu assenjata mill-Ministru.

(3) Il-Kummissarju jista', jekk iqis li jkun hekk xieraq -

(*a*) jagħmel monitoraġġ, u kontinwament iqis u jevalwa kull operat, attività u ħwejjeġ oħra konnessi ma' kull kwistjoni relatata ma' l-industrija awdjovisiva u l-industrija tal-*film servicing*;

(*b*) iwettaq studji, riċerka jew kull investigazzjoni konnessa ma' kull ma jirrigwarda l-industrija awdjovisiva;

(*ċ*) jipprovdi informazzjoni u joħrog linji ta' gwida, lill-pubbliku u lil entitajiet rilevanti, konnessi mal-film, l-industrija awdjovisiva, l-industrija tal-*film servicing* u l-politika awdjovisiva in ġenerali;

(*d*) jixtri, ibigħ jew jiddisponi minn jew jikri art, impjanti, makkinarju jew apparat, u proprjetà oħra, u jippermetti l-użu ta' proprjetà minn persuni oħra;

(*e*) jimmaniġġa l-art, u jiżviluppa l-art, u biex jagħmel xogħlijiet fuq l-art, u jżomm xogħlijiet jew jassisti fil-manteniment tagħhom;

(*f*) jipprovdi servizzi ta' pariri jew ta' tip ieħor jew faċilitajiet relatati ma' kull funzjoni tiegħu, jew jassisti fil-provediment tagħhom; u

(*g*) b'mod ġenerali jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra għall-eżerċizzju siewi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

Tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kummissjoni u tal-Kummissarju.

**7.** Il-Ministru jista' jagħmel, ibiddel jew jirrevoka regolamenti għat-tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kummissjoni u l-Kummissarju. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' dan l-Att, il-Kummissjoni u l-Kummissarju jistgħu jirregolaw il-proċeduri tagħhom stess.

Personalità legali u rappreżentanza tal-Kummissarju.

**8.** (1) Il-Kummissarju jkollu personalità legali distinta u jkun kapaċi, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li jagħmel kuntratti ta' akkwist, pussess u tneħħija ta' kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li

jagħmel dak kollu li jidħol f’dawk l-operazzjonijiet kollha huma x’inhuma li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, inkluż li jsellef jew li jissellef flus.

(2) Kull dokument li jkollu l-iskop li jkun strument magħmul jew maħrug mill-Kummissarju u li jkun iffirmat minnu, jista’ jinġieb bi prova u għandu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies bħala strument magħmul jew maħrug mill-Kummissarju.

(3) L-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li permezz tagħhom tiġi impunjata jew kontestata xi deċiżjoni jew aġir ieħor tal-Kummissjoni għandhom isiru kontra l-Kummissarju.

## TAQSIMA III

## UFFIĊJALI U IMPJEGATI TAL-KUMMISSARJU

Ħatriet tal-persunal.

**9.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta’ kull liġi oħra applikabbli għal dan, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, il-Kummissarju għandu jaħtar l-uffiċjali u l-impjegati oħra li jkunu neċessarji minn żmien għal żmien meħtieġa għall-isvolġiment siewi u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kummissarju. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta’ impieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissarju bi ftehim mal-Ministru.

Inkarigu ta’ uffiċjali pubbliċi għal xogħol mal-Kummissarju.

**10.** (1) Il-Prim Ministru jista’, fuq talba tal-Kummissarju, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku jitqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissarju f’dik il-kapaċità u b’seħħ minn dik id-data li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordni.

(2) Il-perjodu li matulu ordni kif hawn qabel imsemmija tkun tapplika għal xi uffiċjal li jkun speċifikat fiha, għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort’oħra jtemm milli jibqa’ fil-kariga f’data li tiġi qabel, jew inkella għax tiġi speċifikata data differenti fl-ordni, jtemm mal-ġrajja ta’ xi avveniment minn dawn li ġejjin, jiġifieri jekk:

(*a*) dak l-uffiċjal li jaċċetta offerta ta’ trasferiment għas-servizz mal-Kummissarju u impieg permanenti mal-Kummissarju konformi ma’ l-artikolu 12; jew

(*b*) il-Prim Ministru jirrevoka ordni magħmula minnu taħt dan l-artikolu għar-rigward ta’ dak l-uffiċjal.

(3) Meta ordni kif hawn qabel imsemmija tiġi revokata mill-Prim Ministru għar-rigward ta’ xi uffiċjal, il-Prim Ministru jista’, b’ordni ulterjuri, jqabbad lil dak l-uffiċjal jagħmel xogħol mal-Kummissarju f’dik il-kapaċità u b’seħħ minn dik id-data li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordni ulterjuri u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom, malli jiġri dan, ikunu japplikaw għall-perjodu għal kemm iddum dik l-ordni ulterjuri għar-rigward ta’ dak l-uffiċjal.

Status ta’ uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kummissjoni.

**11.** (1) Meta uffiċjal pubbliku jitqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissjoni taħt xi disposizzjoni ta’ l-artikolu 10, dak l-uffiċjal għandu, matul il-perjodu li fih dik l-ordni jkollha effett għar-rigward tiegħu jew tagħha, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Kummissarju imma huwa għandu għal kull għan u fini

ieħor jibqa' u jkun ikkunsidrat u ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), uffiċjal li jitqabbad jagħmel xogħol kif hawn qabel imsemmi -

(*a*) ma għandux matul il-perjodu li matulu huwa jkun hekk imqabbad -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz marbuta mal-ħatra taħt il-Gvern li kellu fid-data li fiha huwa hekk jitqabbad jagħmel ix-xogħol; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz tiegħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu marbutin mal-ħatra taħt il-Gvern u li jkun qed igawdi fid-data hawn qabel imsemmija jew li kieku kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul dak il-perjodu, li kieku dak l-uffiċjal ma kienx ġie mqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissarju; u

(*b*) ikollu jedd li s-servizz tiegħu mal-Kummissjoni jiġi kkunsidrat bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li kien ikollu jedd għalih, u jkun responsabbli għal dak kollu li jista' jkun responsabbli għalih, li kieku ma jkunx ġie mqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissarju.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Meta ssir applikazzjoni kif hemm provdut fis-subartikolu (2)(*a*)(i) din għandha tingħatalha l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-applikant ma kienx ġie mqabbad jagħmel servizz mal-Kummissarju.

(4) Il-Kummissarju għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' kull pensjoni u gratwità li jista' jaqla' uffiċjal li jiġi mqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissarju kif hawn qabel imsemmi matul il-perjodu li fih ikun qed jagħmel dak ix-xogħol.

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Kummissarju lil uffiċjali pubbliċi inkarigati jagħmlu xogħol mal-Kummissarju.

**12.** (1) Il-Kummissarju jista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, joffri lil uffiċjal li jkun imqabbad jagħmel xogħol mal-Kummissarju taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10, impjieg permanenti mal-Kummissarju b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li dak l-uffiċjal ikun qed igawdi fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kompriżi f'xi offerta magħmula kif hawn qabel imsemmi ma għandhomx jitqiesu li jkunu inqas favorevoli unikament għaliex dawn ma jkunux f'kull rigward identiċi ma' jew aħjar minn dawk li l-uffiċjal involut ikun qed igawdi fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, meħudin ilkoll flimkien, ikunu fil-fehma tal-Prim Ministru joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew aħjar.

(3) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta impieg permanenti mal-Kummissarju li jiġi offert lilu taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu, għall-finijiet kollha li ma jkunux dawk ta'
Kap. 93. Kap. 58. l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), itemm milli jibqa' fis-servizz mal-Gvern u jidħol fis-servizz mal-Kummissarju fid-data minn meta jaċċetta, u għall-finijiet ta' dik l-Ordinanza u ta' dak l-Att, daqskemm dawn ikunu applikabbli għalih, servizz mal-Kummissarju għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fil-parametri tat-tifsiriet relattivi rispettivament.

(4) Kull uffiċjal bħal dak hawn qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impieg permanenti mal-Kummissarju kellu jedd
Kap. 58. għal benefiċċju taħt l-Att dwar il-Pensjoniet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, ikompli jkollu dak il-jedd għal benefiċċju taħt dak l-Att għal kull fini bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Kummissarju kien servizz mal-Gvern.

(5) Il-Kummissarju għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jaqla' uffiċjal li jkun aċċetta impieg permanenti mal-Kummissjoni kif hawn qabel imsemmi matul il-perjodu li jibda għaddej mid-data minn meta dak l-uffiċjal ikun aċċetta.

Kap. 93. (6) (*a*) Għall-għanijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-emolumenti pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal pubbliku meta jirtira għandhom jitqiesu li jkunu l-emolumenti pensjonabbli li jitħallsu lil xi uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga li jkollu l-uffiċjal meta jirtira minn mal-Kummissarju.

(*b*) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*) għandha ssir minn bord li jkun magħmul minn President li jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed li jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli ċentralment għall-politika dwar il-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor li jiġi maħtur mill-Kummissarju. Il-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(*ċ*) Dik il-klassifikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet xhur mill-aġġustament tas-salarji ta' l-impjegati li jkunu fis-servizz tal-Gvern u, jew, ta' impjegati tal-Kummissarju.

(*d*) Ebda kariga ma' tkun klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew dak il-grad ieħor ogħla li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

(*e*) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara li ssir klassifikazzjoni kif hawn qabel imsemmija, ikollu jedd

Kap. 93.

għal drittijiet taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, li jkunu inqas favorevoli minn dawk li kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

## TAQSIMA IV

## DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

**13.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għandu hekk imexxi l-affarijiet tiegħu li n-nefqa meħtiega għall-qadi kif imiss ta' dmirijietu għandha, skond kemm ikun prattiku, ssir mid-dħul li jagħmel. Il-Kummissarju joħrog in-nefqa mid-dħul.

(2) Għal dan l-għan il-Kummissarju għandu jiġbor kull dritt, rata u pagament ieħor stabbiliti b'dan l-Att jew taħt kull liġi oħra.

(3) Il-Kummissarju għandu jitħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat tali somom li l-Parlament jista' minn żmien għal żmien jawtorizza li jkunu wżati biex ikopri kull nefqa li ma jsirx tajjeb għaliha mid-dħul.

(4) Kull eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu, bla ħsara għal dawk l-ordnijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Kummissarju għall-formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jintużaw għall-finijiet tal-Kummissarju. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-poteri mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull ordni mogħtija mill-Ministru kif hawn qabel imsemmi tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'tali mod kif jista' jkun speċifikat fl-ordni, ta' parti mid-drittijiet, rati u pagamenti oħra li jinġabru skond is-subartikolu (2) jew ta' dak l-eċċess kif hawn qabel imsemmi.

(5) Il-flus tal-Kummissarju li ma jkunux minnufih meħtiega biex minnhom tinħareġ in-nefqa jistgħu jiġu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

**14.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jagħmel għotjiet bil-quddiem lill-Kummissarju ta' dawk l-ammonti li jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Kummissarju sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, u jista' jagħmel dawk l-għotjiet bil-quddiem b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li huwa jista', wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemmi, iqis li jkunu adatti. Kull tali għoti bil-quddiem jista' jsir mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri minbarra dan l-Att, b'ordni ffirmata minnu li tkun tawtorizza lill-*Accountant General* jagħti dawk il-flus bil-quddiem. Għotjiet bil-quddiem mill-Gvern.

**15.** (1) Il-Kummissarju għandu wkoll jirċievi mingħand il-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-allokazzjoni ta' flus skond l-artikoli 27 u 29. Allokazzjoni ta' flejjes lill-entitajiet li joperaw fis-settur awdjovisiv.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jagħti lill-Kummissarju direttivi dwar l-applikazzjoni ta' dawk l-ammonti msemmija fis-subartikolu (1).

Il-Kummissarju jista’ jissellef jew jiffinanzja kapital.

**16.** (1) Għall-fini li jwettaq xi wieħed mid-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kummissarju jista’, bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru li tingħata wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jissellef jew jiġġenera flus b’tali mod, minn dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista’, wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemmi, japprova bil-miktub.

(2) Il-Kummissarju jista’ wkoll, minn żmien għal żmien, jissellef, b’*overdraft* jew xort’oħra, dawk l-ammonti li jista’ jkun jeħtieġ biex jagħmel dmirijietu taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont ta’ iżjed minn ħamsin elf lira, tkun meħtiega l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Self mingħand il-Gvern.

**17.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’, għal kull ħtieġa tal-Kummissarju ta’ xorta kapitali, jikkuntratta jew jiġġenera kull self, jew jinkorri passiv, għal dawk il-perjodi u b’dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li huwa jista’ jqis adatti; u kull ammont dovut dwar jew f’dak li għandu x’jaqsam ma’ xi self jew passiv bħal dak għandu jkun nefqa fuq il-Fond Konsolidat.

(2) Għandu kemm jista’ jkun malajr jingħata avviż lill-Kamra tad-Deputati dwar kull self, passiv jew għotjiet bil-quddiem bħal dawk magħmulin jew imġarrba taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(3) Sakemm jiġi ġġenerat dak is-self kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1), jew għall-fini li l-Kumissarju jiġi pprovdut b’kapital attiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’, b’ordni li ġġib il-firma tiegħu, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* jagħmel għotjiet bil-quddiem lill-Kummissarju mit-*Treasury Clearance Fund* taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru meta jkun qiegħed jagħmilhom.

(4) Ir-rikavat ta’ self iġġenerat għall-finijiet li jsiru għotjiet bil-quddiem lill-Kummissarju, u l-flejjes l-oħra kollha li għandhom jingħataw lill-Kummissarju taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu ġewwa fond imwaqqaf proprju għal dak l-għan u li jkun magħruf bħala "Fond ta’ Self tal-Kummissjoni Ċinematografika ta’ Malta".

(5) Dawk l-ammonti li jiġu riċevuti mill-*Accountant General* mingħand il-Kummissarju dwar flus li jingħataw bil-quddiem lill-Kummissarju taħt is-subartikolu (3) għandhom jitħallsu, għal dawk li jkunu ammonti riċevuti bħala ħlas lura fit-*Treasury Clearance Fund*, u għal dawk li jkunu ammonti riċevuti bħala imgħax fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Kummissarju.

**18.** (1) Il-Kummissarju għandu, sa tmiem Settembru ta’ kull sena, jew kull xahar ieħor li jista’ l-Ministru jistabbilixxi, jippreżenta lill-Ministru, pjan kummerċjali għat-tliet snin finanzjarji li jmiss flimkien ma’ l-estimi ta’ l-infiq u d-dħul kapitali u rikorrenti għas-sena li jmiss:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja tal-Kummissarju għandhom jiġu ppreparati u adottati f’dak iż-żmien li l-Ministru jista’ jispeċifika b’avviz bil-miktub lill-Kummissarju.

(2) Fit-tħejjija ta' l-estimi msemmija fis-subartikolu (1), il-Kummissarju għandu jikkunsidra kull fond u flejjes oħra li jistgħu jkunu dovuti jitħallsu lilu mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja relevanti, kemm bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' xi Att ta' approprjazzjoni, jew ta' xi liġi oħra. Il-Kummissarju għandu jħejji dawk l-estimi b'tali mod li jiżgura li d-dħul kollu kemm hu tal-Kummissarju jkun mill-anqas biżżejjed biex minnu jitħallsu l-ammonti kollha ta' flus li jinħarġu kif imiss mill-kont tad-dħul tal-Kummissarju inklużi, imma mingħajr preġudizzju għall- ġeneralità ta' dik il-frażi, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom jinkludu l-estimi għall-Kummissjoni.

(4) L-estimi għandhom isiru b'dak il-mod u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' snin preċedenti skond ma l-Ministru u, jew il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna.

(5) Għandha minnufih tintbagħat kopja ta' l-estimi mill-Kummissarju, malli dawn jiġu adottati, lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(6) Il-Ministru għandu ma' l-ewwel opportunità li jkollu, u mhux aktar tard minn sitt gimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' l-estimi mingħand il-Kummissarju, japprovhom b'xi emendi jew mingħajr ebda emenda, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

In-nefqa tkun skond l-estimi approvati.

**19.** (1) Ma għandha ssir jew tiġġarrab ebda nefqa mill-Kummissarju kemm-il darba din ma tkunx ġiet approvata mill-Ministru kif provdut fl-artikolu 18.

(2) Ħlief għal flus iġġenerati mill-Kummissarju innifsu jew li jiġu riċevuti minn sorsi mhux Statali, il-Kummissarju għandu jibqa' fil-parametri tan-nefqa kapitali u rikorrenti lilu allokati mill-Ministru kif awtorizzati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) -

(*a*) sakemm jiskadu sitt xhur mill-bidu ta' xi sena finanzjarja, jew sakemm ikun hemm l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-sena mill-Ministru, skond liema data tiġi l-ewwel, il-Kummissarju jista' jagħmel jew iġarrab nefqa għall-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att li b'kollox ma tkunx izjed minn nofs l-ammont approvat mill-Ministru għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(*b*) in-nefqa approvata dwar xi kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, ssir jew tiġġarrab dwar xi kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(*ċ*) dwar l-ewwel sena finanzjarja, il-Kummissarju jista' jagħmel jew iġarrab in-nefqa li b'kollox ma tkunx iżjed minn dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippermetti;

(*d*) jekk dwar xi sena finanzjarja jirriżulta li l-ammont

approvat mill-Ministru ma jkunx biżżejjed jew tkun qamet il-ħtiega għal nefqa għal xi fini mhux provdut dwarha fl-estimi, il-Kummissarju jista' jadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Ministru, u f'kull każ bħal dak id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu japplikaw għall-estimi supplementari.

Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.

**20.** L-estimi u l-estimi supplementari kollha tal-Kummissarju approvati mill-Ministru għandhom, kemm jista' jkun malajr, jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Kontijiet u verifika.

**21.** (1) Il-Kummissarju għandu jiżgura li jinżammu kif imiss kontijiet u *records* oħra li jirrigwardaw it-tħaddim tiegħu u l-operazzjonijiet li jagħmel, u għandu jiżgura li tiġi ppreparata dikjarazzjoni relattiva ta' kontijiet ta' kull tliet xhur u dikjarazzjoni oħra dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu verifikati minn awditur jew awdituri li jiġu maħtura mill-Kummissarju u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet tal-Kummissarju jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li jkollu għal dak l-għan is-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull aċċertament ieħor li jista' jqis li jkunu meħtieġa.

(3) Wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja l-Kummissarju għandu jara li kopja tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet verifikata kif imiss tintbagħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awdituri fuq dik id-dikjarazzjoni jew fuq il-kontijiet tal-Kummissjoni.

(4) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità li jkollu, jara li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Kuntratt ta' provvista, ta' xogħol jew ta' servizzi. L.S. 174.04

**22.** Il-Kummissarju għandu jsegwi l-proċeduri ta' akkwist kif regolati bir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jew kull emenda relattiva.

Rapport annwali.

**23.** Il-Kummissarju għandu, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru kopja tad-dikjarazzjoni verifikata tal-kontijiet tiegħu, kopja tar-rapport magħmul mill-awditur jew l-awdituri dwar dik id-dikjarazzjoni jew fuq il-kontijiet tal-Kummissarju, flimkien ma' rapport li ġeneralment ikun jittratta dwar l-attivitajiet tal-Kummissarju matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dik l-informazzjoni konnessa mal-proċedimenti u l-politika tal-Kummissarju. Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull tali rapport titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u li tiġi ppreżentata lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Awditur Ġenerali kemm jista' jkun malajr.

Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap. 406.

**24.** Il-Kummissarju jitqies bħala awtorità pubblika għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

## TAQSIMA V

## SKEMI GĦALL-INĊENTIVI U SOSTENN FINANZJARJU

Tifsir.

**25.** F'din it-taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"kumpannija kwalifikanti" tfisser persuna naturali jew ġuridika li twettaq, jew għandha l-intenzjoni li twettaq ġo Malta, kummerċ li jikkonsisti fil-produzzjoni ta' film jew kull tip ieħor ta' persuna naturali jew ġuridika kif stabbiliti mill-Ministru u li jkunu ċertifikati bħala kumpannija kwalifikanti skond l-artikolu 26;

"produzzjoni kwalifikanti" tfisser produzzjoni awdjovisiva li tissodisfa l-kriterji u l-kondizzjonijiet mniżżla fl-Iskeda jew kif stabbiliti mill-Ministru, u li tkun ċertifikata bħala produzzjoni kwalifikanti skond l-artikolu 26.

Ċertifikazzjoni ta' kumpanniji u, jew produzzjonijiet kwalifikanti u determinazzjoni tal-livell ta' benefiċċji.

**26.** (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, b'regolamenti jistabbilixxi:

(*a*) il-kriterji u l-proċeduri għal ċertifikazzjoni tal-kumpanniji kwalifikanti u tal-produzzjonijiet kwalifikanti;

(*b*) miżuri li jkunu jagħtu benefiċċji fiskali u benefiċċji oħrajn lil kumpanniji kwalifikanti u produzzjonijiet kwalifikanti; u

(*ċ*) il-kriterji u miżuri oħra li jirregolaw l-assistenza, il-garanziji u għotjiet li jingħataw mill-Kummissarju taħt l-artikoli 27, 28 u 29.

(2) Il-Kummissjoni tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna li tiġi mogħtija lill-produzzjoni kwalifikanti jew kumpannija kwalifikanti, hekk li dik id-determinazzjoni tiġi magħmula wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet rakkomandazzjoni bil-miktub mingħand il-Kummissarju:

Iżda l-Kummissjoni tista' tadotta linji ta' gwida għad-determinazzjoni tal-livelli u, jew l-ammonti tal-benefiċċji fiskali u ta' tip ieħor.

(3) Il-Kummissarju jkun responsabbli biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li tiġi mogħtija lill-produzzjoni kwalifikanti jew kumpannija kwalifikanti u, wara d-determinazzjoni tal-Kummissjoni, għaċ-ċertifikazzjoni ta' persuni bħala kumpanniji kwalifikanti u ta' produzzjonijiet bħala produzzjonijiet kwalifikanti għall-finijiet ta' benefiċċji fiskali u ta' xi tip ieħor skond jew taħt dan l-Att jew skond jew taħt xi liġi oħra.

(4) Meta jsiru xi regolamenti skond is-subartikolu (1), is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kummissarju taħt dan l-artikolu għandhom jiġu eżerċitati skond u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regolament bħal dak.

Assistenza mill-Kummissarju.

**27.** (1) Abbażi ta' approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni dwar kull proġett, il-Kummissarju jista' jinvesti fi, jew jagħti self jew għotja biex itaffi kompletament jew parzjalment l-ispiża ta' produzzjoni kwalifikanti magħmula kompletament jew

parzjalment f'Malta.

(2) Investiment, self jew għotja magħmula taħt dan l-artikolu huma soġġetti għall-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Kummmissarju jikkunsidra adatti u espedjenti, u jinkludu pattijiet u kondizzjonijiet relatati mal-ħlas lura lill-Kummissarju ta' kull flejjes imħallsa minnu u l-pagament ta' l-imgħax fuq somom bħal dawk.

Garanziji mill-Kummissarju.

**28.** (1) Abbażi ta' approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni dwar kull proġett, il-Kummissarju jista' jigarantixxi il-ħlas ta' l-ammont prinċipali tal-flejjes mislufa rigward produzzjoni kwalifikanti magħmula kompletament jew parzjalment ġewwa Malta jew minn kumpannija kwalifikanti jew il-ħlas ta' mgħax fuq tali somom, jew il-ħlas ta' l-ammont prinċipali u l-pagament ta' tali mgħax, u jista' jipprovdi garanziji finanzjari oħra fir-rigward ta' produzzjoni kwalifikanti.

(2) Garanzija mogħtija taħt dan l-artikolu għandu jkollha dik il-forma u manjiera u dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif ikun speċifikat fi skema preskritta mill-Ministru li tirregola l-għoti ta' tali garanziji, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(3) Flejjes li l-Kummissarju jkollu bżonn biex iħallas somom li jistgħu jsiru dovuti minnu skond xi garanzija jridu jiġu mħallsin mid-dħul tiegħu jew mis-somom imħallsa mill-Gvern skond l-artikolu 13.

Għotjiet mill-Kummissarju għat-taħriġ u attivitajiet oħra.

**29.** (1) Abbażi ta' approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni, il-Kummissarju jista', bla ħsara għall-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jikkunsidra bħala adatti u espedjenti, jagħmel għotjiet biex itaffu kompletament jew parzjalment l-ispiża tat-taħriġ għall-persuni f'kull aspett ta' produzzjoni ta' film.

(2) Abbażi ta' approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni, il-Kummissarju jista' jipprovdi flejjes, bla ħsara għall-pattijiet u kondizzjonijiet li jikkunsidra adatti u espedjenti, għall-attivitajiet, avvenimenti u inizjattivi skond il-funzjonijiet kif speċifikati fl-artikolu 6.

Kontravvenzjoni ta' xi patt jew kondizzjoni ta' investimenti, self, għoti jew garanziji.

**30.** Meta xi patt jew kondizzjonijiet li taħthom isir investiment, għotja, self jew garanzija mill-Kummissarju taħt din it-Taqsima jiġu miksura mill-persuna li lilha jew lil xi ħadd f'isimha jsir jew jingħata mill-Kummissarju tali investiment, għotja, self jew garanzija, kull ammont dovut lill-Kummissarju fir-rigward ta' l-investiment, għotja, self jew garanzija, flimkien ma' kull mgħax li jrid jitħallas fuqha, skond il-każ, jitqies bħala dejn li jrid jitħallas lill-Kummissarju u jista' jiġi rekuperat mill-Kummissarju bħala dejn kuntrattwali f'kull qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni:

Iżda dan l-artikolu jkun japplika jekk il-Kummissarju jitlob il-ħlas komplet jew parzjali ta' l-ammont, u l-ammont dovut lill-Kummissarju jitqies bħala dejn pagabbli immedjatament u li jista' jiġi rkuprat mill-Kummissarju sal- limitu ta' rikjesta bħal dik.

**31.** L-ammont komplessiv ta' kull investiment, għotja jew self provduta mill-Kummissarju taħt l-artikoli 27 u 29, flimkien ma l-ammont kumplessiv ta' l-ammont prinċipali u kull mgħax li l-Kummissarju jkollu f'kull ħin iħallas abbażi ta' garanzija mogħtija taħt l-artikolu 28, flimkien ma' l-ammont prinċipali u kull mgħax, jekk ikun hemm, li l-Kummissarju jkun ħallas abbażi ta' garanziji u li ma ġiex imħallas lura lilu, ma għandux jeċċedi s-somma li tiġi stabbilita mill-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

Ammont massimu ta' investimenti, self, għotjiet eċċ., mill-Kummissarju.

## TAQSIMA VI

## MIXXELLANJI

**32.** Il-Kummissarju, il-membri tal-Kummissjoni u l-uffiċjali u l-impjegati kollha tal-Kummissarju għandhom jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi fil-parametri tat-tifsira fil-Kodiċi Kriminali.

Persuni li jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi. Kap. 9.

**33.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali biex jagħti effett lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u partikolarment, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan, jista' jagħmel regolamenti dwar dan li ġej:

Setgħa li jsiru regolamenti.

(*a*) biex jipprovdi dwar kull ħaġa li dwarha hu meħtieġ u awtorizzat minn dan l-Att li jiġi preskritt;

(*b*) biex jistabbilixxi proċeduri amministrattivi u organizzattivi li għandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni u mill-Kummissarju;

(*ċ*) biex jistabbilixxi skemi għall-fini ta' finanzjament jew sussidjar ta' programmi, inizjattivi u avvenimenti li jirrigwardaw l-industrija awdjovisiva jew l-industrija tal-*film servicing*;

(*d*) biex jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kummissarju; u

(*e*) biex jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-infiq u d-dħul tal-Kummissarju, l-estimi u l-kontijiet tiegħu, u l-verifika taghhom.

(2) Il-Ministru jista' wkoll permezz ta' regolament jemenda l-Iskeda.

## SKEDA

### Artikolu 25

Produzzjoni awdjovisiva titqies bħala "produzzjoni kwalifikanti" kif imsemmi fl-artikolu 25 jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. ix-xogħol awdjovisiv konċernat ikun prodott kompletament jew parzjalment f'Malta fuq bażi kummerċjali bi skop li jintgħamel profitt; u

2. ix-xogħol awdjovisiv konċernat ikun prodott kompletament jew parzjalment għall-esibizzjoni lill-pubbliku ġewwa swali taċ-ċinema jew permezz ta' xandir televiżiv; u

3. ix-xogħol awdjovisiv konċernat ikun:

*a.* *feature film*;

*b.* drama televisiv;

*ċ.* animazzjoni (ġenerat bil-*computer* jew b'xi mod ieħor, imma bl-esklużjoni ta' logħob tal-*computer*); jew

*d.* dokumentarju kreattiv, fejn il-proġett ikun ibbażat fuq tema oriġinali li jkun fih element ta' nuqqas ta' rabta maż-żmien fis-sens li ma jkun hemm ebda telf ta' interess meta l-avveniment li miegħu t-tema tkun marbuta tgħaddi u d-dokumentazzjoni ikun fiha kontenut sinifikanti ta' ffilmjar oriġinali li ma jkunx limitat għar-rappurtaġġ ta' informazzjoni:

Iżda x-xogħol awdjovisiv ma jitqiesx bħala "produzzjoni kwalfikanti" jekk ix-xogħol awdjovisiv konċernat ikun jinkludi jew ikun sostanzjalment ibbażat fuq:

(i) wirjiet pubbliċi jew speċjali magħmulin bi skop li jiġu ffilmjati jew għal xi skop ieħor;

(ii) attivitajiet sportivi;

(iii) logħob jew kompetizzjonijiet;

(iv) ġrajjiet kurrenti jew *talk shows*;

(v) programmi li juru ħidmiet, passatempi jew proġetti;

(vi) programmi ta' reċensjoni, programmi fi stil ta' rivista jew programmi dwar *lifestyle;*

(vii) programmi bla *script* jew tax-xorta *reality*;

(viii) programmi ta' riklami jew riklami;

(ix) kontenut pornografiku jew espliċiti sesswalment.